MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT
## ANTONIO GIOVANNI VELLA

Seduta ta' l-10 ta' Ottubru, 2013

Numru. 797/2013

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra :

Philip Caruana iben Joseph u Josephine nee` Coleiro, twieled Mtarfa-Malta, nhar l-04 ta` Mejju 1976, residenti Neil`s Crt, Fl 9, Triq il-Faqqiegh, Attard u detentur tal-karta ta` l identita 246176(M)

Talli;

Fid-29 ta` Gunju 2013, ghal habta tat-tmienja u ghoxrin ta` filghaxija (08:20a.m) fix-Xatt ta` San Gorg u/jew fil-vicinanzi :

Minghajr il-hsieb li joqtol jew iqieghed l-hajja fil-periklu car, ikkaguna ferita ta` natura gravi fil-gisem ta` Alfred Camilleri.

Akkuzat aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi volontarjament, hassar, ghamel hsara jew gharaq hwejjeg haddiehor, u cioe vettura ta` l-ghamla BW b`numru ta` registrazzjoni LLY 222 ghad danny ta ` Alfred Camilleri u/jew persuni ohra u /jew entitajiet ohra, liema hsara tiskorri l-elf mija u erbgha u sittin euro u disgha u sittin centezmu (Euro 1,164,69)(Art.325(1)(a)Kap. 9)

Akkuzat aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi ghamel ingurji jew hedded fil-konfront ta` Alfred Camilleri

Akkuzat aktar talli flistess data, lok, hin, u cirkostanzi vettura numru ta` registrazzjoni BLY015 ta` ghamla Peugeot b`mod perikoluz u traskurat.

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xhieda prodotta;

Rat illi l-parti leza f’din il-kawza kien irrinunzja ghall-azzjoni kriminali fil-konfront tal-imputat, stante li ntlahaq ftehim fuq il-mertu kollu tal-kaz, u ghalhekk l-istess parti leza ma xehedx fil-kawza;

**Ikkunsidrat:**

In vista li ma xehedx il-parti leza Alfred Camilleri, kull prova ohra li gabet il-Prosekuzzjoni kienet biss ditto del ditto jew document mhux ikkonfermat. Kien x’kien l-incident bejn l-imputat u l-parti leza, minghajr ix-xiehda ta’ dan tal-ahhar il-kaz tal-Prosekuzzjoni ma jista’ jwassal ghal xejn hlief dikjarazzjoni ta’ liberazzjoni tal-imputat minn kull htija u piena. Huwa minnu li f’kazijiet bhal dawn, il-Pulizija u l-ufficjali tal-ordni jkunu hadu x-xoghol ghal

xejn, izda fl-ahhar mill-ahhar li huwa mehtieg hu li kawza tigi ttrattata u deciza fl-iqsar zmien possibbli u lit kun twettqet il-gustizzja bejn il-partijiet kollha involuti. Jidher ghalhekk li f'dan il-kaz l-iskop intlahaq minghajr l-intervent tal-Qorti.

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti;**

Illi wara li rat l-Artikoli 214, 215, 216, 218, 325(1)(a), 338(dd), 339(1)(e) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
Kif ukoll l-Artikoli 15(1)(a)(2)(3) tal-Kap 65 tal-Ligijiet ta' Malta;

Din il-Qorti ma tistax issib lill- imputat hati u ghaldaqstant qeghda tilliberah minn kull akkuza kontra tieghu.

Il-Qorti spjegat il-portata ta' din is-sentenza lill-imputat.

**DR. ANTHONY J. VELLA BA,LL.D.,MA**
**MAGISTRAT**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------